MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Numru. 447/2012

**Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**
**Vs**
**Francis Caruana**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francis Caruana ta' 57 sena, bin Anthony u Catherine nee' Agius, imwieled Zejtun fil-31 ta' Awwissu 1954, residenti fi 2, Maruska, Triq l-Istamnar, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 647554(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi

grajja kimerika, ghamel qligh ta’ erbat elef, mija u erbatax-il ewro (€4114) ghad-dannu ta’ Pietru Ellul mill-Qrendi ;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha u zamm ghandu l-ammont ta’ erbat elef, mija u erbatax-il ewro (€4114) ghad-dannu ta’ Pietru Ellul mill-Qrendi ;

Ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ tliet sentenzi sospizi imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali b’sentenzi taghhom ta’ nhar it-12 ta’ Frar 2009, l-14 ta’ April 2010 u d-29 ta’ April 2010, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ;

B’hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta kkommetta reat iehor wara li inghata sentenza fejn inghata ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-12 ta’ Marzu 2009 ;

B’hekk sar recediv a terminu ta’ l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’hames sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali b’sentenzi taghhom datati 19 ta’ April 2007, 12 ta’ Frar 2009, 14 ta’ April 2010, 29 ta’ April 2010 u l-1 ta’ Lulju 2010.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-3 ta’ Mejju 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien

biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recediv izda kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa hallas lura l-ammont kollu nvolut lill-parti leza Pietru Ellul skond kif ikkonferma l-istess Pietru Ellul meta xehed bil-gurament waqt l-udjenza tat-3 ta  Mejju 2013 u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li jkun fl-ahjar interess tal-imputat u tas-socjeta' in gerneali li huwa jinghata l-ghajnuna sabiex jirriforma ruhu b'mod definittiv u l-Qorti sejra ghalhekk tpoggi lil-imputat taht Ordni ta' Probation u sejra tapplika wkoll il-provvedimenti tal-Artikolu 28B(2)(b).

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 308, 309, 310(1)(a), 293, 294 u  28A sa 28H tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta'  tlett(3) snin millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti testendi l-perijodu operattiv moghti fis-sentenzi tad-29 ta' April 2010, tal-14 ta' April 2010 u tat-12 ta' Frar 2009 ghall-perijodu ta' erba'(4) snin millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------